2025/2145

22.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2145

tal-21 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 5a(2), l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2746 [2] jistabbilixxi l-limiti tad-daqs ekonomiku għal kull Stat Membru fl-Anness I tiegħu, l-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN, Farm Sustainability Data Network) fl-Anness II tiegħu, il-forma u t-tqassim tal-preżentazzjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà fl-Anness VIII tiegħu u l-ammont pagabbli lill-Istati Membri għas-snin ta' rapportar 2025, 2026 u 2027 fl-Anness X tiegħu.

(2) Il-Bulgarija talbet biex tibdel il-limitu tad-daqs ekonomiku u l-għadd ta' azjendi prospettanti minħabba l-bidliet strutturali fl-agrikoltura tagħha, li wasslu għal tnaqqis kumplessiv fl-għadd ta' azjendi, b'mod partikolari f'dawk iżgħar. Bl-implimentazzjoni tal-limitu rivedut tad-daqs ekonomiku, l-aġġustament tal-għadd ta' azjendi prospettanti, u l-adattament tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif xieraq mis-sena ta' rapportar 2026 'il quddiem, il-Bulgarija tingħata biżżejjed żmien biex timplimenta l-bidliet meħtieġa.

(3) F'ċerti każijiet, l-imgħax miksub fuq l-assi likwidi meħtieġa għall-operat ta' azjenda agrikola jista' jikkostitwixxi porzjon sostanzjali tal-introjtu tal-azjenda. Bħalissa, dan l-imgħax huwa rrapportat fit-Tabella L fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746, taħt "OGA direttament relatati mal-azjenda agrikola". Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' dan l-ammont, jiġi rfinat il-kalkolu tal-introjtu tal-azjendi agrikoli bl-użu tad-data tal-FSDN, u tissaħħaħ il-komparabbiltà mal-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura, huwa meħtieġ li dan l-imgħax jiġi rrapportat separatament fit-Tabella I fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, taħt "prodotti oħra u dħul ieħor".

(4) It-Tabella J fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 tistabbilixxi l-istruttura għar-rapportar tat-tip ta' akkomodazzjoni għall-annimali f'azjendi agrikoli prospettanti. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-akkuratezza tad-data, il-kodiċijiet għat-tipi ta' akkomodazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati biex jiġu assenjati kodiċijiet identiċi għal tipi identiċi ta' akkomodazzjoni, u b'hekk tiġi ffaċilitata analiżi tad-data komparabbli u affidabbli.

(5) It-Tabella ST fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 tistabbilixxi l-istruttura għar-rapportar tal-informazzjoni dwar it-testijiet tal-ħamrija mwettqa fuq azjendi agrikoli prospettanti. Sabiex tiġi pprovduta ċ-ċarezza fir-rapportar tal-konsistenza tal-ħamrija, it-Tabella ST jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(6) It-Tabella I1 fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 tistabbilixxi l-istruttura għar-rapportar tal-informazzjoni dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mill-azjendi prospettanti, b'għażliet għar-rapportar fil-livell tal-azjenda agrikola jew tal-għelejjel. Sabiex jitwasslu r-rekwiżiti tar-rapportar għal kull wieħed minn dawn il-livelli, it-Tabella I1 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

[1] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2746 tal-25 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 (ĠU L, 2024/2746, 30.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2746/oj).

(7) It-Tabella J1 fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 tistabbilixxi l-istruttura għar-rapportar tal-informazzjoni dwar it-testijiet tal-ħamrija mwettqa fuq azjendi agrikoli prospettanti. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-informazzjoni u tiġi pprovduta ċ-ċarezza dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar, it-Tabella J1 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(8) L-Artikolu 12(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 jippermetti lill-Kummissjoni teżenta lill-Istati Membri milli jissottomettu data dwar varjabbli speċifiċi elenkati fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għas-snin ta' rapportar 2026 u 2027, dment li l-Istat Membru jissottometti talba ġustifikata. Wara s-sottomissjoni ta' talbiet ġustifikati addizzjonali mill-Ġermanja u minn Franza qabel l-31 ta' Mejju 2025, jeħtieġ li l-Annessi IX u X ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġu emendati kif xieraq.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 jiġi emendat kif xieraq.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, VIII, IX, u X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, II, VIII, IX u X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2746 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, l-entrata għall-Bulgarija hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Bulgarija	8 000"

(2) fl-Anness II, l-entrata għall-Bulgarija hija sostitwita b'dan li ġej:

"**IL-BULGARIJA**

831	Северозападен (Severozapaden)	338
832	Северен централен (Severen tsentralen)	305
833	Североизточен (Severoiztochen)	351
834	Югозападен (Yugozapaden)	231
835	Южен централен (Yuzhen tsentralen)	409
836	Югоизточен (Yugoiztochen)	368
Total għall-Bulgarija		2002"

(3) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) taħt "A.OT.232.C *Għadd ta' membri tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP)*" fit-Tabella A, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Ġermanja hija eżentata milli tissottometti data relatata mal-varjabbli A.OT.230.C, A.OT.231.C, u A.OT.232.C għas-sena ta' rapportar 2026.";

(b) fil-kategoriji tal-għelejjel fit-Tabella I, taħt "**Prodotti oħra u dħul ieħor**", taħt l-entrata "90330 – Prodotti sekondarji oħra", tiżdied l-entrata l-ġdida li ġejja:

"90400	Imgħax riċevut fuq assi likwidi meħtieġa għat-tmexxija tal-azjenda"

(c) taħt il-grupp ta' informazzjoni *J.TH Tip ta' akkomodazzjoni* fit-Tabella J, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tip ta' kodiċijiet ta' akkomodazzjoni		
Kodiċi	Tip ta' annimal	Tip ta' akkomodazzjoni
10	Bovini (kategoriji 210 sa 269)	Stalel marbuta (demel likwidu)
20		Stalel marbuta (demel solidu)
30		Stalel konvenzjonali (demel likwidu)
40		Stalel konvenzjonali (demel solidu)
50		Dejjem barra
60		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel likwidu)
70		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel solidu)
80	Nagħaġ u mogħoż (kategoriji 311 sa 329)	Mifrex fond
90		Paviment f'għamla ta' gradilja
100		Art solida
50		Dejjem barra

"Tip ta' kodiċijiet ta' akkomodazzjoni		
Kodiċi	Tip ta' annimal	Tip ta' akkomodazzjoni
120	Ħnieżer (kategoriji 410 sa 499)	Paviment f'għamla ta' gradilja
130		Paviment parzjalment f'għamla ta' gradilja
140		Art solida (demel solidu)
80		Is-superfiċje sħiħa hija mifrex fond
50		Barra (trobbija fil-miftuħ)
60		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel likwidu)
70		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel solidu)
80	Pollam (kategoriji 510 sa 530)	Mifrex fond
200		Guva
210		Gaġeġ b'ċinga li tneħħi l-ħmieġ
220		Gaġeġ b'fossa fonda
230		Gaġeġ bl-istilt house
50		Barra (trobbija fil-miftuħ)
250		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni"

(d) l-informazzjoni fit-Tabella ST hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Test tal-ħamrija**

Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-Istati Membri. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jipprovdu din l-informazzjoni, ir-riżultati tat-testijiet tal-ħamrija jistgħu jiġu sottomessi jekk ikunu disponibbli u jkunu twettqu fl-aħħar 5 snin. It-test tal-ħamrija jappartjeni għal roqgħa art waħda, fejn ikun sar il-kampjunar. Jekk ikun sar aktar minn test wieħed fuq l-istess roqgħa art fl-aħħar 5 snin, irid jiġi pprovdut l-aktar wieħed reċenti. Jekk tkun disponibbli data relatata ma' aktar minn roqgħa art waħda, jistgħu jiddaħħlu diversi entrati.

Struttura tat-tabella

	ID tar-roqgħa art	Kodiċi (*)		
	Kategoriji tat-test	Kodiċi (**)		
Grupp ta' informazzjoni			Valur	Kodiċi
			V	C
ST	Test tal-ħamrija			

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni	V	C
100	Densità tal-massa fil-ħamrija tal-wiċċ (g/cm^3)		–
110	Densità tal-massa fit-tfannid (g/cm^3)		–
120	Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija (% tal-volum tal-ilma / volum ta' ħamrija saturata)		–
130	Rata ta' erożjoni tal-ħamrija (tunnellata/ha/sena)		–
140	Respirazzjoni tal-bażi tal-ħamrija (mm^3 O_2/g/hr) f'ħamrija xotta		–

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni	V	C
150	Konsistenza tal-ħamrija	–	
160	Aċidità tal-ħamrija (pH)		–
170	Konċentrazzjoni tal-Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC, Soil Organic Carbon) (g/kg)		–
180	Konduttività elettrika (dS/m — deci-Siemens għal kull metru)		–
190	$CaCO_3$ (m/m %)		–
200	Nitroġenu fil-ħamrija (mg/g)		–
210	Fosfru li jista' jiġi estratt (mg/kg) (skont ISO 11263:1994)		–
220	K_2O (mg/kg)		–
230	Cd (mg/kg)		–
240	Cu (mg/kg)		–
250	Pb (mg/kg)		–
260	Zn (mg/kg)		–

ID tar-roqgħa art

L-ID tar-roqgħa art għandha tinkludi kemm l-ID tar-roqgħa art ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 (*) kif ukoll l-ID tar-roqgħa art agrikola kif imsemmi fl-Artikolu 8(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 (**).

Deskrizzjoni tal-kolonni

Valur (V)

Il-valur jirrappreżenta l-kejl speċifiku ta' diversi proprjetajiet tal-ħamrija, bħal karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi. L-unità tal-kejl hija indikata għal kull varjabbli u tirrifletti l-istandard xieraq għal dik il-proprjetà speċifika.

Kodiċi (C)

Il-kodiċi jirreferi għall-konsistenza tal-ħamrija (kategorija 150), li tikklassifika l-ħamrija abbażi tal-proporzjonijiet relattivi tar-ramel, ix-xaħx u t-tafal.

_____

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1172/oj).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1173/oj).";

(e) l-informazzjoni fit-Tabella I1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

Struttura tat-tabella

ID tar-roqgħa art (fakultattiv)	Kodiċi (*)
Kategorija (il-livell tal-għelejjel huwa fakultattiv)	Kodiċi (**)
Unità	Kodiċi (***)
Sustanza attiva	Kodiċi (****)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Kwantità
		Q
PP	Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni	Q
10000	Użu tal-PPP	
10110	Qamħ komuni u spelt	
…/…		
90900	Oħrajn	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA I1

Il-kwantità ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti applikat matul is-sena ta' rapportar għandha tiġi pprovduta minn sustanzi attivi.

Il-kategorija 10000 għandha tintuża meta s-sustanza attiva tiġi rreġistrata fil-livell tal-azjenda agrikola, mingħajr ebda data disponibbli fil-livell tal-għelejjel. Jekk is-sustanza attiva tiġi rreġistrata fil-livell tal-għelejjel, għandhom jintużaw il-kodiċijiet 10110 sa 90900, li jikkorrispondu għall-kategoriji tal-għelejjel stabbiliti fit-Tabella I. L-ID tar-roqgħa art għandha tiġi rreġistrata biss fil-livell tal-għelejjel. Id-data pprovduta fil-livell tall-għelejjel hija fakultattiva għall-Istati Membri.

Tista' tiddaħħal iktar minn entrata waħda.

It-tipi ta' kodiċijiet tal-unità jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
1	Gramma
2	Millilitru
3	Oħrajn

ID tar-roqgħa art

L-ID tar-roqgħa art għandha tinkludi kemm ir-referenza tal-ID tar-roqgħa kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1172 kif ukoll tal-id tar-roqgħa art agrikola kif imsemmi fl-Artikolu 8(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1173. Id-data pprovduta fil-livell tar-roqgħa art hija fakultattiva għall-Istati Membri.

Deskrizzjoni tal-kolonni

Kwantità (Q): Kwantità ta' prodott (sustanza attiva) applikata matul is-sena ta' rapportar.";

(f) l-informazzjoni fit-Tabella J1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Użu tal-antimikrobiċi**

Struttura tat-tabella

Kategorija	Kodiċi (*)
Sustanza attiva	Kodiċi (**)
Unità	Kodiċi (***)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Kwantità
		Q
AU	Użu tal-antimikrobiċi	

Iridu jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni	Q
100	Użu tal-antimikrobiċi	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA J1

Użu tal-antimikrobiċi (AU)

Antimikrobiċi li jintużaw matul is-sena ta' rapportar fil-produzzjoni tal-bhejjem biex jinżammu s-saħħa u l-produttività.

Deskrizzjoni tal-kolonni

Kwantità (Q)

Il-kwantità totali ta' antimikrobiċi li jintużaw matul is-sena ta' rapportar minn sustanzi attivi.

It-tipi ta' kodiċijiet tal-unità jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
1	Gramma
2	Millilitru
3	Oħrajn"

(4) fl-Anness IX, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rapportar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rapportar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella A - Informazzjoni ġenerali dwar l-azjenda			Mhux applikabbli ħlief għal:
A.CL.142.DT. Is-sena li fiha l-azjenda agrikola bdiet il-konverżjoni organika			Il-Greċja, Franza, Ċipru, is-Slovakkja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027
A.CL.145.C. Sehem ta' prodotti tal-biedja organika mibjugħa bħala organiċi f'azjendi agrikoli ċċertifikati	X		Il-Greċja, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027 (*)Franza fl-2028
A.OT.240.C Parteċipazzjoni f'fondi mutwi			Il-Greċja, Franza, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027
A.OT.241.C Kumpens għat-telf			Il-Greċja, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027 (*)Franza fl-2028
Tabella B - Tip ta' okkupazzjoni	X		Mhux applikabbli
Tabella C - Xogħol			Mhux applikabbli ħlief għal:
C.EX Esterni	X		Il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Kolonna G - Ġeneru (għall-ħaddiema)			Il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 (*)Il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija fl-2027
Kolonni AW - Pagi u kostijiet tas-sigurtà soċjali kull sena / kull siegħa			Il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 (*)Franza, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija, l-Iżvezja fl-2027
Kolonna R - Irtirar			Il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 (*)Franza, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija fl-2027
Tabella D - Assi u investimenti	X		Mhux applikabbli
Tabella E - Kwoti u drittijiet oħra	X		Mhux applikabbli
Tabella F - Dejn/krediti	X		Mhux applikabbli
Tabella G - Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	X		Mhux applikabbli

"Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rapportar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rapportar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella H - Inputs	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
5035. Li minnhom oriġini oħra			Il-Greċja, Ċipru fl-2026 Malta, ir-Rumanija fl-2027
Tabella I - Użu tal-art u għelejjel	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
Kolonni "li minnhom kompletament organiku – li minnhom fi stat ta' konverżjoni organika"			Il-Greċja, Ċipru fl-2026 Il-Latvja, ir-Rumanija fl-2027 Il-Lussemburgu fl-2028
Tabella J - Produzzjoni tal-bhejjem	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
J. OR Organiku - J. CO f'konverżjoni organika			Il-Greċja, Franza, Ċipru fl-2026 Il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027
J.DL Għadd ta' mwiet, inkluż qtil b'emerġenza			Il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027 (*)Franza fl-2028
J.TH Tip ta' akkomodazzjoni			Il-Belġju, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija fl-2027 (*)Franza fl-2028
J. TO Ħin imqatta' barra			Il-Belġju, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija fl-2027 (*)Franza fl-2028
Tabella K - Prodotti u servizzi tal-annimali	X		Mhux applikabbli
Tabella L - OGA relatati direttament mal-azjenda agrikola	X		Mhux applikabbli
Tabella M - Sussidji	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
3770 - Skambju ta' għarfien u tixrid ta' informazzjoni			Il-Greċja, Franza, Ċipru, is-Slovakkja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, Malta, ir-Rumanija fl-2027
3780 - Kooperazzjoni			Il-Greċja, Franza, Ċipru, is-Slovakkja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, Malta, ir-Rumanija fl-2027

"Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rapportar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rapportar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella MI - Integrazzjoni tas-suq	X		Iċ-Ċekja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, (*)il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, fl-2027 (*)Franza fl-2028
Tabella DI - Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella OF - Sehem indikattiv tal-introjtu barra l-azjenda agrikola		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella FP1 - Prattiki tal-biedja	X		Il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, (*)il-Ġermanja, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella FP2 - Prattiki tal-biedja		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella NM1 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - Ħżin tad-demel	X		Il-Belġju, il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, l-Iżvezja fl-2026 Iċ-Ċekja, (*)il-Ġermanja, il-Kroazja, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella NM2 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - Applikazzjoni tad-demel	X		Il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, iċ-Ċekja, (*)il-Ġermanja, l-Estonja, il-Kroazja, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella NM3 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - input tal-Għalf		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028
Tabella ST - Test tal-ħamrija (fakultattiv)	X		
Tabella BD1 - Bijodiversità – Karatteristiċi tal-pajsaġġ	X		Il-Greċja, Ċipru fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027 Franza, il-Lussemburgu, Malta fl-2028
Tabella BD2 - Bijodiversità – Kontroll bijoloġiku u ġestjoni tal-art bil-ħaxix		X	Franza, il-Lussemburgu, Malta fl-2028
Tabella WT - Ġestjoni tal-ilma		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella I1 - Użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028

"Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rapportar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rapportar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella J1 - Użu tal-antimikrobiċi		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028
Tabella CS - Skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali	X		Il-Belġju, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027
Tabella EN - Enerġija		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella FL - Telf tal-produzzjoni fl-azjenda agrikola għall-użu fl-ikel u fl-għalf		X	Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta fl-2028
Tabella TR - Taħriġ		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella SA - Sikurezza	X		Il-Greċja, Ċipru fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella SI - Inklużjoni soċjali	X		Il-Greċja, Ċipru fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella SE - Servizzi aċċessibbli għall-bdiewa	X		Il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, Malta, ir-Rumanija fl-2027
Tabella GR - Tiġdid ġenerazzjonali	X		Il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 (*)Il-Ġermanja, ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027 Franza, Malta fl-2028

(*) eżenzjoni li għadha kif ingħatat";

(5) fl-Anness X, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

	Sena ta' rapportar 2025				Sena ta' rapportar 2026				Sena ta' rapportar 2027		
	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu
IL-BELĠJU	198 000	397 600	136 702	732 302	198 000	375 196	183 260	756 456	198 000	503 223	701 223
IL-BULGARIJA	396 360	352 436	501 697	1 250 493	360 360	352 830	457 933	1 171 123	360 360	915 865	1 276 225

	Sena ta' rapportar 2025				Sena ta' rapportar 2026				Sena ta' rapportar 2027		
	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu
IĊ-ĊEKJA	230 760	386 620	185 874	803 254	230 760	373 715	213 581	818 056	230 760	586 483	817 243
ID-DANIMARKA	261 000	400 883	300 331	962 214	261 000	401 314	301 636	963 950	261 000	663 339	924 339
IL-ĠERMANJA	919 980	1 985 289	105 861	3 011 130	919 980	1 986 914	110 464	3 017 358	919 980	2 338 155	3 258 135
L-ESTONJA	104 400	223 399	108 119	435 918	104 400	223 635	108 641	436 676	104 400	265 336	369 736
L-IRLANDA	162 000	368 882	205 053	735 935	162 000	369 293	205 864	737 157	162 000	411 728	573 728
IL-GREĊJA	533 880	1 013 146	61 433	1 608 459	533 880	706 768	678 435	1 919 083	533 880	1 356 871	1 890 751
SPANJA	1 566 000	1 606 195	1 982 182	5 154 377	1 566 000	1 607 987	1 990 016	5 164 003	1 566 000	3 439 438	5 005 438
FRANZA	1 368 000	2 553 255	472 244	4 393 499	1 368 000	2 555 402	479 088	4 402 490	1 368 000	485 932	1 853 932
IL-KROAZJA	225 180	372 981	181 379	779 540	225 180	373 339	182 506	781 025	225 180	546 390	771 570
L-ITALJA	1 695 240	1 623 948	2 145 769	5 464 957	1 695 240	1 625 760	2 154 250	5 475 250	1 695 240	4 308 500	6 003 740
ĊIPRU	90 000	265 654	10 356	366 010	90 000	214 111	114 369	418 480	90 000	228 738	318 738
IL-LATVJA	180 000	295 256	144 987	620 243	180 000	274 827	187 313	642 140	180 000	457 475	637 475
IL-LITWANJA	180 000	306 954	227 837	714 791	180 000	307 297	228 738	716 035	180 000	457 475	637 475
IL-LUSSEMBURGU	81 000	201 967	93 206	376 173	81 000	202 188	93 611	376 799	81 000	177 902	258 902
L-UNGERIJA	342 000	463 433	432 890	1 238 323	342 000	463 951	434 601	1 240 552	342 000	869 203	1 211 203
MALTA	96 480	251 602	11 102	359 184	96 480	251 821	11 586	359 887	96 480	45 373	141 853
IN-NETHERLANDS	270 000	702 640	341 756	1 314 396	270 000	703 424	343 106	1 316 530	270 000	686 213	956 213
L-AWSTRIJA	324 000	367 386	410 107	1 101 493	324 000	367 796	411 728	1 103 524	324 000	823 455	1 147 455
IL-POLONJA	1 620 000	1 377 272	2 050 533	5 047 805	1 620 000	1 378 809	2 058 638	5 057 447	1 620 000	4 117 275	5 737 275
IL-PORTUGALL	414 000	553 417	428 748	1 396 165	414 000	506 343	526 096	1 446 439	414 000	1 052 193	1 466 193

	Sena ta' rapportar 2025				Sena ta' rapportar 2026				Sena ta' rapportar 2027		
	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu
IR-RUMANIJA	918 000	1 359 686	105 634	2 383 320	918 000	1 360 614	110 226	2 388 840	918 000	2 333 123	3 251 123
IS-SLOVENJA	163 440	258 693	206 876	629 009	163 440	258 982	207 694	630 116	163 440	415 387	578 827
IS-SLOVAKKJA	101 160	280 835	58 202	440 197	101 160	281 110	58 708	440 978	101 160	257 101	358 261
IL-FINLANDJA	117 000	275 514	148 094	540 608	117 000	275 822	148 679	541 501	117 000	297 359	414 359
L-IŻVEZJA	184 500	377 326	84 921	646 747	184 500	303 358	234 456	722 314	184 500	468 912	653 412
Total tal-UE	12 742 380	18 622 269	11 141 893	42 506 542	12 706 380	18 102 606	12 235 222	43 044 208	12 706 380	28 508 444	41 214 824
Riżerva għall-konsenji bil-quddiem				2 493 458				1 955 792			